



TESTI ADOTTATI

P9_TA(2022)0451

Deliberazzjonijiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fl-2021

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar ir-riżultat tad-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet matul is-sena 2021 (2022/2024(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 10 u 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 20, 24 u 227 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jirriflettu l-importanza li t-Trattat jattribwixxi lid-dritt taċ-ċittadini u r-residenti tal-UE li jiġbdu l-attenzjoni tal-Parlament għall-preokkupazzjonijiet tagħhom,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 228 tat-TFUE dwar ir-rwol u l-funzjonijiet tal-Ombudsman Ewropew,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 44 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-‘Karta’) dwar id-dritt li titressaq petizzjoni quddiem il-Parlament Ewropew,
 - wara li kkunsidra d-dispożizzjonijiet tat-TFUE fir-rigward tal-proċedura ta' ksur u, b'mod partikolari, l-Artikoli 258 u 260 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2022 dwar l-involvement maċ-ċittadini: id-dritt ta' petizzjoni, id-dritt ta' referenza għall-Ombudsman Ewropew u l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 54 u l-Artikolu 227(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A9-0271/2022),
- A. billi r-rapport annwali dwar ir-riżultat tad-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet għandu l-għan li jippreżenta analiżi tal-petizzjonijiet li waslu fl-2021, ir-relazzjonijiet mal-istituzzjonijiet l-oħra u li jippreżenta stampa vera tal-oġġettivi milħuqa

¹ ĠU C 347, 9.9.2022, p. 110.

matul is-sena 2021;

- B. billi fl-2021, il-Parlament irċieva 1 392 petizzjoni, li jirrappreżentaw madwar nofs l-għadd li wasal fl-2013 (2 891) u fl-2014 (2 715), meta l-għadd totali ta' petizzjonijiet li waslu laħaq l-ogħla livell tiegħu; billi l-għadd ta' petizzjonijiet imressqa fl-2021 jirrappreżenta ukoll tnaqqis ta' 11,5 % meta mqabbla mal-1 573 petizzjoni mressqa fl-2020 u żieda żgħira ta' 2,5 % meta mqabbla mal-1 357 petizzjoni mressqa fl-2019;
- C. billi fl-2021, l-għadd ta' utenti li appoġġjaw petizzjoni waħda jew aktar fuq il-Portal Web għall-Petizzjonijiet tal-Parlament kien 209 272, li jirrappreżenta żieda konsiderevoli ħafna mit-48 882 utent irreġistrati fl-2020; billi l-għadd ta' klikks b'appoġġ għall-petizzjonijiet ukoll żdied fl-2021, biex laħaq total ta' 217 876 (żieda mill-55 129 klikk fl-2020); billi l-petizzjoni Nru 0549/2021, imressqa minn Adriana Muresan, bi 22 735 firma, dwar l-allegati kundizzjonijiet ħżiena ta' sikurezza fil-parkeġġi tal-karozzi għat-trakkijiet u għall-vetturi kummerċjali fin-network Ewropew tat-toroq tirrappreżenta għadd rekord ta' firem konġunti għal petizzjoni fl-2021;
- D. billi l-għadd kbir ta' petizzjonijiet li jesprimu t-tħassib taċ-ċittadini dwar is-saħħa pubblika u l-emerġenzi soċjoekonomiċi, it-tilqim, u l-implimentazzjoni taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, li rriżulta mill-persistenza tal-pandemija tal-COVID-19, ikkontribwixxew b'mod sinifikanti għaż-żieda fl-għadd ta' petizzjonijiet irreġistrati fl-2021 dwar dan is-suġġett meta mqabbla mas-sena preċedenti; billi 17,3 % tal-petizzjonijiet li waslu fl-2021 kienu relatati mal-pandemija tal-COVID-19;
- E. billi l-għadd ta' petizzjonijiet li waslu fl-2021 li talbu l-konformità sħiħa mad-dritt ambjentali tal-UE, kif ukoll għal miżuri effettivi u rapidi, f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni, bil-għan li jiġu protetti l-ekosistemi u l-ħabitats li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni żdied b'mod sinifikanti, u laħqu total ta' 327 (23,5 %);
- F. billi l-għadd kbir ta' petizzjonijiet ippreżentati fl-2021 juri li, anke fit-tieni sena tal-pandemija, iċ-ċittadini poġġew fiduċja sinifikanti fil-Parlament, billi għażlu li jindirizzaw it-tħassib u l-ilmenti tagħhom direttament lir-rappreżentanti tagħhom eletti fil-livell tal-UE, li huma qiesu bħala s-sors tat-teħid tad-deċiżjonijiet; billi l-Parlament jeħtieġu jagħmel l-almu tiegħu biex jiġġustifika din il-fiduċja;
- G. billi, madankollu, l-għadd totali ta' petizzjonijiet għadu baxx meta mqabbel mal-popolazzjoni totali tal-UE, u dan juri li għad iridu jsiru aktar sforzi biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini dwar id-dritt tagħhom ta' petizzjoni, biex jiġi promoss aktar dan l-istrument u biex tiżdied ir-rappreżentanza ġeografika tal-petizzjonijiet imressqa għal kull Stat Membru, jew biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar l-utilità possibbli tal-petizzjonijiet bħala mezz biex tingħbed l-attenzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri għal kwistjonijiet li jaffettwaw u jikkonċernaw direttament liċ-ċittadini; billi, fl-eżerċizzju tad-dritt ta' petizzjoni, iċ-ċittadini jistennew li l-istituzzjonijiet tal-UE jirrispondu fil-ħin u jipprovdu valur miżjud biex tinstab soluzzjoni għall-problemi tagħhom; billi n-nuqqas ta' azzjoni fil-livell tal-Unjoni biex tiġi żgurata l-protezzjoni sħiħa tad-drittijiet taċ-ċittadini li jirriżultaw mid-dritt tal-UE x'aktarx li jirriżulta fi skuntentizza fil-konfront tal-Unjoni;
- H. billi l-kriterji għall-ammissibbiltà tal-petizzjonijiet huma stabbiliti fl-Artikolu 227 tat-TFUE u fl-Artikolu 226 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, li jirrikjedu li l-petizzjonijiet iridu jitressqu minn ċittadin tal-UE jew minn persuna fiżika jew ġuridika

li tkun residenti jew li jkollha uffiċċju rreġistrat fi Stat Membru, individwalment jew f'assoċjazzjoni ma' oħrajn, dwar kwistjonijiet li jaqgħu fl-oqsma tal-attività tal-UE u li jaffettwaw direttament lill-petizzjonanti, b'interpretazzjoni wiesgħa ħafna ta' din l-aħħar kundizzjoni;

- I. billi, mill-1 392 petizzjoni mressqa fl-2021, 368 ġew iddikjarati inammissibbli u 17 ġew irtirati; billi l-perċentwal relattivament għoli (26,5 %) ta' petizzjonijiet inammissibbli fl-2021 juri li għad hemm nuqqas kbir ta' ċarezza dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-oqsma tal-attività tal-Unjoni; billi biex tiġi rimedjata din is-sitwazzjoni, il-komunikazzjoni maċ-ċittadini jeħtieġ li titħeġġeġ u tittejjeb;
- J. billi kull petizzjoni tiġi kkunsidrata u eżaminata bir-reqqa, b'mod effiċjenti u trasparenti;
- K. billi l-petizzjonanti għandhom it-tendenza li jkunu ċittadini li jimpenjaw ruħhom favur is-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali u t-titjib u l-benesseri tal-ġejjieni tas-soċjetajiet tagħna; billi l-esperjenza ta' dawn iċ-ċittadini fir-rigward ta' kif jiġu pproċessati l-petizzjonijiet tagħhom hija influwenti ħafna fid-determinazzjoni tal-perċezzjoni tagħhom dwar l-istituzzjonijiet tal-UE u r-rispett għad-dritt ta' petizzjoni kif minqux fid-dritt tal-UE;
- L. billi d-dritt li titressaq petizzjoni quddiem il-Parlament Ewropew huwa wieħed mid-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE, u huwa stabbilit fit-Trattati u fil-Karta; billi d-dritt ta' petizzjoni jipprovdi liċ-ċittadini u r-residenti tal-UE mekkaniżmu miftuħ, demokratiku u trasparenti biex jindirizzaw lir-rappreżentanti eletti tagħhom direttament; billi għalhekk huwa essenzjali li jittejjeb ir-rispett għal dan id-dritt u l-implimentazzjoni tiegħu fil-ħin sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod aktar attiv u effettiv fil-ħajja tal-Unjoni; billi, permezz tal-petizzjonijiet, iċ-ċittadini tal-UE jistgħu jilmentaw dwar każijiet ta' nuqqas ta' implimentazzjoni tad-dritt tal-UE u jgħinu biex jiġi identifikat ksur tad-dritt tal-UE;
- M. billi l-Parlament Ewropew huwa l-unika istituzzjoni tal-UE eletta direttament miċ-ċittadini tal-UE; billi d-dritt ta' petizzjoni joffri lill-Parlament, kif ukoll lil istituzzjonijiet oħra tal-UE, b'mod partikolari l-Kummissjoni, minħabba r-rwol tagħha li tiżgura l-applikazzjoni korretta tad-dritt tal-UE fl-Unjoni kollha, l-opportunità li jsaħħu r-rispons tagħhom għall-ilmenti u t-tħassib relatati mar-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-UE u l-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE fl-Istati Membri; billi għalhekk il-petizzjonijiet huma sors utli ta' informazzjoni dwar istanzi ta' applikazzjoni skorretta jew ta' ksur tad-dritt tal-UE, u għaldaqstant jippermettu lill-Parlament u lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE jivvalutaw it-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE, kif ukoll dwar in-nuqqasijiet u l-lakuni fid-dritt attwali tal-UE, u l-impatt tiegħu fuq id-drittijiet taċ-ċittadini u r-residenti tal-UE; billi l-petizzjonijiet imressqa għandhom jindikaw lill-istituzzjonijiet tal-UE l-oqsma fejn huma meħtieġa sforz u azzjoni kbar fil-livell tal-UE għat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE;
- N. billi l-Parlament ilu fuq quddiem nett tal-iżvilupp tal-proċess tal-petizzjonijiet fuq livell internazzjonali u għad għandu l-aktar proċess tal-petizzjonijiet miftuħ u trasparenti fl-Ewropa, li jippermetti lil għadd sinifikanti ta' petizzjonanti jipparteċipaw bis-sħiħ fl-attivitàjiet tiegħu;
- O. billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet huwa fl-aħjar pożizzjoni biex juri liċ-ċittadini dak li l-Unjoni Ewropea qed tagħmel għalihom u liema soluzzjonijiet tista' tipprovdi fil-livell

Ewropew, nazzjonali jew lokali;

- P. billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet jeżamina u jittratta bir-reqqa kull petizzjoni mressqa quddiem il-Parlament; billi kull petizzjonant għandu d-dritt li l-petizzjoni tiegħu tiġi ttrattata b'mod imparzjali u ekwu f'konformità sħiħa mad-dritt għal amministrazzjoni tajba minqax fl-Artikolu 41 tal-Karta; billi kull petizzjonant għandu d-dritt li jirċievi tweġiba li tinfurmah bid-deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà u l-azzjonijiet ta' segwitu meħuda mill-kumitat fi żmien raġonevoli, u dan bil-lingwa tiegħu stess jew b'dik użata fil-petizzjoni; billi kull petizzjonant jista' jitlob li l-petizzjoni tiegħu terġa' tinfetħ abbażi ta' żviluppi rilevanti ġodda;
- Q. billi l-Parlament diġà rrikonoxxa li r-rifjut tal-Kummissjoni li tiegħu azzjoni dwar kwistjonijiet imqajma f'petizzjonijiet individwali jikkostitwixxi ksur tad-dispożizzjonijiet attwali tat-Trattati tal-UE relatati mad-dritt ta' petizzjoni, peress li dan id-dritt mhux limitat għal kwistjonijiet ta' importanza strateġika jew li jirriflettu problemi strutturali; billi l-Kummissjoni għadha qed timplimenta l-approċċ strateġiku tagħha fit-trattament tal-petizzjonijiet abbażi tal-Komunikazzjoni tagħha tal-2017 bit-titolu "Id-Dritt tal-UE: Riżultati aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar"¹, minkejja t-talba tal-Parlament biex il-Kummissjoni tirrevedih fil-ħin;
- R. billi l-Kummissjoni qed tonqos milli tipprovdi informazzjoni komprensiva lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet dwar il-miżuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi meħuda b'segwitu ta' petizzjonijiet li waslu, kif ukoll dwar proċeduri ta' ksur relatati mal-petizzjonijiet; billi ma hemm l-ebda reġistru pubbliku li jorbot il-petizzjonijiet mal-azzjonijiet ta' segwitu kollha meħuda dwarhom;
- S. billi l-attivitajiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet huma bbażati fuq il-kontribut tal-petizzjonanti; billi l-informazzjoni ppreżentata mill-petizzjonanti fil-petizzjonijiet tagħhom u fil-laqgħat tal-kumitat, flimkien mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni u t-tweġibiet tal-Istati Membri u ta' korpi oħra, huma kruċjali għall-ħidma tal-kumitat; billi l-petizzjonijiet ammissibbli jipprovdu wkoll kontribut siewi għall-ħidma tal-kumitati parlamentari l-oħra, peress li jintbagħtu mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet lil kumitati oħra għal opinjoni jew għal skopijiet ta' informazzjoni; billi, għaldaqstant, il-petizzjonijiet għandhom importanza kbira fil-proċess leġiżlattiv, peress li jipprovdu lil kumitati parlamentari oħrajn b'informazzjoni utli u diretta għall-ħidma leġiżlattiva tagħhom fl-oqsma rispettivi tagħhom;
- T. billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet jagħti importanza kbira lill-eżaminazzjoni u d-diskussjoni pubblika tal-petizzjonijiet fil-laqgħat tiegħu; billi l-petizzjonanti għandhom id-dritt li jippreżentaw il-petizzjonijiet tagħhom u spiss jatkellmu waqt id-diskussjoni, u b'hekk jikkontribwixxu b'mod attiv għall-ħidma tal-kumitat; billi fl-2021, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet organizza 12-il laqgħa tal-kumitat, li fihom ġew diskussi 159 petizzjoni b'113-il petizzjonant preżenti b'mod remot u l-biċċa l-kbira tagħhom ipparteċipaw b'mod attiv billi intervjenew fil-laqgħa; billi l-għadd kemxejn ogħla ta' petizzjonijiet diskussi fil-laqgħat fl-2021 meta mqabbel mal-2020 jista' jiġi spjegat miż-żieda ta' perjodi ta' żmien għal-laqgħat tal-kumitat, iżda dejjem bil-faċilitajiet limitati ta' interpretazzjoni bħala konsegwenza tal-miżuri ta' prekawzjoni tal-Parlament fil-kuntest tal-persistenza tal-pandemija;

¹ ĠU C 18, 19.1.2017, p. 10.

- U. billi s-suġġetti ta' tħassib ewlenin li tqajmu fil-petizzjonijiet imressqa fl-2021 kienu relatati mad-drittijiet fundamentali (partikolarment l-impatt tal-miżuri ta' emerġenza tal-COVID-19 fuq l-istat tad-dritt u d-demokrazija, fuq l-aċċess għall-edukazzjoni waqt il-lockdowns, il-libertà tal-moviment u d-dritt għax-xogħol, kif ukoll għad-drittijiet LGBTIQ+ fl-Unjoni), is-saħħa (partikolarment kwistjonijiet dwar l-aċċess għall-kura tas-saħħa, dwar il-kriżi tas-saħħa pubblika li rriżultat mill-persistenza tal-pandemija, li kienu jvarjaw mill-protezzjoni tas-saħħa taċ-ċittadini, inklużi l-politika tat-tilqim, sal-użu, l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE fl-Istati Membri u l-allegata diskriminazzjoni bejn persuni mlaqqma u dawk mhux imlaqqma), l-ambjent (l-aktar li jikkonċerna l-attivitàjiet minerarji u l-impatt tagħhom fuq l-ambjent, il-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam, il-vjolenza kontra l-informaturi ambjentali, it-titjib possibbli tal-koeżistenza bejn in-nies u karnivori kbar, ir-rimi illeċitu tal-iskart, is-sikurezza nukleari, it-tniġġis tal-arja, il-parks eoliċi, il-blokki difettużi tal-majka u d-deterjorament tal-ekosistemi naturali), id-drittijiet tal-minoranzi u d-diskriminazzjoni (inklużi d-drittijiet tal-minoranzi nazzjonali jew lingwistiċi), l-edukazzjoni (partikolarment kwistjonijiet relatati ma' aċċess diskriminatorju għall-edukazzjoni jew mar-riformi nazzjonali kkontestati tal-liġi dwar l-edukazzjoni), in-nuqqas ta' sikurezza fiż-żoni ta' parkeġġ tat-trakkijiet, is-sitwazzjoni tal-istudenti tal-UE fir-Renju Unit wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Erasmus+, u l-impjiegi (partikolarment kwistjonijiet relatati mat-trattament nazzjonali tal-kuntratti tax-xogħol), minbarra ħafna oqsma oħra ta' attività;
- V. billi meta jadotta l-aġenda tal-laqgħat tiegħu, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet jagħti attenzjoni lill-petizzjonijiet u s-suġġetti b'rilevanza sinifikanti għad-diskussjoni fil-livell tal-UE u l-ħtieġa li tinżamm kopertura ġeografika ekwa tas-suġġetti skont il-petizzjonijiet li waslu;
- W. billi 78,6 % (1 094) tal-petizzjonijiet li waslu fl-2021 tressqu permezz tal-Portal Web għall-Petizzjonijiet tal-Parlament, niżlu ftit minn 79,7 % (1 254 petizzjoni) fl-2020, u b'hekk ġie kkonfermat li l-Portal Web għall-Petizzjonijiet sar bil-bosta l-aktar mezz użat biex iċ-ċittadini jressqu l-petizzjonijiet lill-Parlament;
- X. billi fl-2021, l-aktar objettiv importanti tal-Portal Web għall-Petizzjonijiet (Portal PETI) intlaħaq b'mod sħiħ, peress li l-portal kien online u operattiv għal aktar minn 99,9 % tal-ħin; billi l-petizzjonijiet kollha tħejjew u ġew ippubblikati fil-ħin, fi żmien ftit jiem mill-adozzjoni tagħhom, u t-talbiet interni u esterni kollha għal appoġġ rigward l-użu u l-kontenut tal-portal PETI ġew imwieġba b'suċċess, fil-ħin u fil-lingwi kollha; billi l-verżjoni 2.4 tal-Portal Web għall-Petizzjonijiet ġiet skjerata u saret talba biex jinbeda chatbox tal-intelliġenza artifiċjali għall-Portal Web għall-Petizzjonijiet;
- Y. billi fl-2021, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet għamel żjara waħda ta' ġbir ta' informazzjoni; billi t-tieni żjara ta' ġbir ta' informazzjoni, skedata għal Diċembru, ġiet posposta b'riżultat tad-deċiżjoni li ttieħdet meta tqieset iż-żieda fit-tixrid tal-COVID-19 u biex jiġu mminimizzati r-riskji għas-saħħa tal-Membri u l-persunal tal-Parlament;
- Z. billi skont ir-Regoli ta' Proċedura, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet huwa responsabbli għar-relazzjonijiet mal-Ombudsman Ewropew, li jinvestiga l-ilmenti dwar amministrazzjoni ħażina fi ħdan l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE; billi l-Ombudsman Ewropew attwali, Emily O'Reilly, ippreżentat ir-rapport annwali tagħha għall-2020 lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet fil-laqgħa tiegħu tal-14 ta' Lulju 2021;

- AA. billi l-Kummissjoni, bħala gwardjan tat-Trattati, għandha rwol essenzjali fil-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-informazzjoni pprovduta mill-petizzjonanti hija utli biex jiġu skoperti ksur jew applikazzjoni ħażina tad-dritt Ewropew;
- AB. billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet huwa membru tan-Network Ewropew tal-Ombudsmen, li jinkludi wkoll l-Ombudsman Ewropew, l-ombudsmen nazzjonali u reġjonali u korpi simili fl-Istati Membri, il-pajjiżi kandidati u pajjiżi oħra taż-Żona Ekonomika Ewropea, u li għandu l-għan li jippromwovi l-iskambju ta' informazzjoni dwar id-dritt u l-politika tal-UE, u li jikkondividi l-aħjar prattiki;
- AC. billi t-titjib tal-parteciġazzjoni taċ-ċittadini u l-garanzija tal-protezzjoni sħiħa tad-drittijiet taċ-ċittadini li jirriżultaw mid-dritt tal-UE huma elementi ewlenin biex l-UE titqarreb lejn iċ-ċittadini tagħha; billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet adotta r-rapport dwar l-involvement maċ-ċittadini: id-dritt ta' petizzjoni, id-dritt ta' referenza għall-Ombudsman Ewropew u l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej¹, b'enfasi fuq is-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom, il-kampanji ta' komunikazzjoni biex tingħbed l-attenzjoni dwar il-mekkaniżmi parteciġattivi eżistenti, it-tiżiħ tal-kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet oħrajn u l-kumitati parlamentari l-oħra, u l-involvement ċiviku taż-żgħażaġħ, li jikkonkludu li l-Kummissjoni jeħtiġilha tirrevedi l-approċċ strateġiku attwali tagħha fit-trattament tal-petizzjonijiet, peress li dan wassal biex ma jiġux ittrattati, fost l-oħrajn, kwistjonijiet li jikkonċernaw ksur serju tad-dritt tal-UE li huwa ta' detriment għall-protezzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini; billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet iqis li l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (ICE) hija strument importanti ħafna tad-demokrazija parteciġattiva, li għandu jissaħħaħ biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom b'mod aktar attiv u dirett fit-tfassil tal-politiki u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;
1. Jenfasizza r-rwol fundamentali tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini u r-residenti tal-UE billi jiżgura li t-tfassil u l-ilmenti tal-petizzjonanti jiġu eżaminati fil-ħin u b'mod effettiv, xieraq u mhux diskriminatorju, u li l-petizzjonanti jiġu infurmati bl-azzjonijiet meħuda u l-progress li sar fil-konfront tal-petizzjonijiet tagħhom, u li dawn jiġu riżolti permezz ta' proċess ta' petizzjonijiet miftuħ, demokratiku u trasparenti;
 2. Ifakkar li, fl-2021, kien hemm differenzi konsiderevoli fl-għadd ta' petizzjonijiet imressqa lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet mis-27 Stat Membru, u l-biċċa l-kbira tal-petizzjonijiet kienu jikkonċernaw lil Spanja (17 %), segwiti mill-Ġermanja (9,7 %), l-Italja (9,2 %), il-Greċja (5,9 %), ir-Rumanija (4,1 %), il-Polonja (4 %) u Franza (2,6 %); jirrimarka li l-għadd ta' petizzjonijiet li jikkonċernaw il-bqija tal-Istati Membri kien inqas minn 2 % għal kull Stat Membru;
 3. Jisħaq li l-petizzjonanti spiss jindirizzaw lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet dwar suġġetti li huma urġenti għalihom; jissottolinja li f'sitwazzjonijiet bħal dawn, dewmien fit-trattament tal-petizzjonijiet ftit li xejn jipprovdri valur lill-petizzjonanti; jemmen li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet għandu jieħu azzjoni biex jeħles ix-xogħol b'lura tal-petizzjonijiet miftuħa; jistieden lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet jirrevedi l-metodi ta' ħidma tiegħu, sabiex jiżgura li l-petizzjonijiet kollha jiġu ttrattati b'sett ta' kriterji

¹ Adottata bħala riżoluzzjoni mill-Parlament fid-9 ta' Marzu 2022. ĠU C 347, 9.9.2022, p. 110.

konsistenti u trasparenti li jggarantixxi proċess fil-ħin u effettiv;

4. Huwa tal-fehma li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet huwa ugwalment disponibbli għaċ-ċittadini u r-residenti fis-27 Stat Membru kollha u li t-trattament tal-petizzjonijiet għandu jkun ġeografikament ibbilanċjat; jemmen, f'dan ir-rigward, li l-Parlament għandu jżid l-isforzi tiegħu biex jippromwovi r-rwol u l-ħidma tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tiegħu u s-sensibilizzazzjoni fost iċ-ċittadini kollha tal-UE dwar il-possibbiltà li jindirizzaw petizzjoni lill-Parlament; jenfasizza li meta jadotta l-aġenda tiegħu għal-laqgħat, seduti ta' smiġħ u missjonijiet, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet jeħtiegħu jsegwi l-linji gwida u l-kriterji oġġettivi tiegħu, bħall-kontribut ta' petizzjonijiet magħżula għad-dibattitu attwali tal-UE u l-kopertura ġeografika bbilanċjata tagħhom skont il-petizzjonijiet li waslu; jenfasizza li l-attività tal-Kumitat trid dejjem ikollha l-għan li twieġeb għall-kwistjoni li taffettwa direttament lill-petizzjonant; ifakkar, f'dan il-kuntest, fid-dimensjoni Ewropea ħafna tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet li r-rwol tiegħu huwa li jittratta petizzjonijiet dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt l-oqsma ta' attività tal-Unjoni Ewropea, kif minqax fit-TFUE; għal dan l-għan, jemmen li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet għandu responsabbiltà speċjali li jirrispetta din id-dimensjoni Ewropea fir-rigward tal-petizzjonanti u lejn id-dinja ta' barra, u li l-Membri kollha tiegħu fl-azzjonijiet u l-kunsiderazzjonijiet tagħhom għandhom dejjem ikunu ggwidati mir-responsabbiltà istituzzjonali Ewropea aktar milli mill-interessi politiċi nazzjonali; ifakkar li l-ftehimiet bejn il-gruppi politiċi rrappreżentati fil-Kumitat għall-Petizzjonijiet huma essenzjali biex jipprovdu rispons ibbilanċjat u li jinftiehem lill-petizzjonanti;
5. Itnni l-importanza ta' dibattitu pubbliku kontinwu dwar l-oqsma tal-attività tal-Unjoni sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini jiġu infurmati korrettament dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenzi tal-Unjoni u l-livelli differenti ta' teħid ta' deċiżjonijiet; jitlob, f'dan ir-rigward, li jsiru kampanji ta' sensibilizzazzjoni usa', permezz tal-involvement attiv tas-servizzi tal-komunikazzjoni, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll nazzjonali, biex jgħinu jżidu l-għarfien taċ-ċittadini dwar id-dritt tagħhom ta' petizzjoni, kif ukoll il-kamp ta' applikazzjoni tar-responsabbiltajiet tal-Unjoni u l-kompetenzi tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet bil-għan li jitnaqqas l-għadd ta' petizzjonijiet inammissibbli u nirrispondu aħjar għat-tħassib taċ-ċittadini; jissottolinja li jeħtiegħ li jsiru sforzi addizzjonali biex issir sensibilizzazzjoni dwar id-dritt ta' petizzjonijiet f'dawk l-Istati Membri tal-UE li minnhom jitressqu proporzjonalment inqas petizzjonijiet;
6. Iqis li huwa ta' importanza kbira li l-Kummissjoni tirrevedi l-approċċ strateġiku tagħha dwar it-trattament tal-petizzjonijiet attwalment ibbażat fuq il-Komunikazzjoni tagħha tal-2017 bit-titolu "Id-Dritt tal-UE: Riżultati aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar" sabiex jiġu adottati regoli ċari u tiġi stabbilita proċedura amministrattiva biex jiġu ttrattati l-petizzjonijiet ammissibbli, filwaqt li jiġi żgurat segwitu adegwat, inkluż dwar kwistjonijiet imqajma f'petizzjonijiet individwali, li spiss jiddenunzjaw il-ksur tad-dritt tal-UE li jaffettwa għadd kbir ta' ċittadini jew jenfasizzaw aktar l-allegat ksur tad-dritt tal-UE dwar l-istess suġġett ta' proċeduri ta' ksur li għaddejjin;
7. Jirrimarka li l-petizzjonijiet jikkostitwixxu opportunità unika għall-Parlament u għall-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE biex jingħaqdu b'mod dirett maċ-ċittadini tal-UE u jżommu djalogu regolari magħhom, b'mod partikolari f'każijiet fejn ikunu affettwati mill-applikazzjoni ħażina jew il-ksur tad-dritt tal-UE, kif ukoll minn nuqqasijiet jew lakuni fid-dritt attwali tal-UE; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' kooperazzjoni msaħħa bejn l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE u l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali

dwar l-inkjesti li jirrigwardaw l-impatt u l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE u l-konformità miegħu; jemmaen li tali kooperazzjoni hija kruċjali biex jiġi indirizzat u solvut it-tħassib taċ-ċittadini dwar l-applikazzjoni u l-effettività tad-dritt tal-UE u tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-leġittimità demokratika u r-responsabbiltà tal-Unjoni; jitlob għall-parteċipazzjoni aktar attiva tar-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-laqgħat tal-kumitat u għal rispons fil-ħin u dettaljat għat-talbiet għal kjarifika jew informazzjoni mibgħuta mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet lill-awtoritajiet nazzjonali;

8. Jitlob it-twaqqif ta' għodda interistituzzjonali tal-IT b'punt uniku ta' servizz bejn il-Kummissjoni u l-Parlament biex tiġi kondiviża pubblikament l-informazzjoni kollha disponibbli dwar l-azzjonijiet ta' segwitu kollha li jittieħdu dwar il-petizzjonijiet, inkluża informazzjoni dwar il-proċeduri tal-EU Pilot u l-proċeduri ta' ksur, il-proposti leġiżlattivi, ir-reġistrazzjonijiet tal-laqgħat tal-Kumitat li matulhom tiġi diskussa petizzjoni, it-tweġibiet tal-awtoritajiet nazzjonali u tal-kumitati permanenti tal-Parlament, u dwar kwalunkwe azzjoni mhux leġiżlattiva relatata oħra.
9. Ifakkar li l-petizzjonijiet jikkontribwixxu b'mod konsiderevoli għar-rwol tal-Kummissjoni bħala gwardjan tat-Trattati billi jipprovdu liċ-ċittadini opportunità addizzjonali li jinnotifikaw l-allegat ksur tad-dritt tal-UE; jisħaq li mezzi aktar strutturati ta' kollaborazzjoni u kooperazzjoni msaħħa bejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Kummissjoni permezz ta' tweġibiet fil-ħin u dettaljati mill-Kummissjoni, li jkunu bbażati fuq eżami bir-reqqa tal-kwistjonijiet imqajma fil-petizzjonijiet, huma essenzjali biex jiġi żgurat it-trattament b'suċċess tal-petizzjonijiet: jissottolinja li l-Kummissjoni għandha tkun involuta b'mod aktar attiv sabiex tagħti rispons preċiż għat-talbiet u l-ilmenti tal-petizzjonijiet; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tipprovi lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet b'informazzjoni regolari u aġġornata dwar l-iżviluppi u s-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-proċedimenti ta' ksur li tnedew abbażi tal-petizzjonijiet li waslu, u biex tiżgura li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet jikseb aċċess għad-dokumenti rilevanti tal-Kummissjoni dwar il-ksur u l-proċeduri tal-EU Pilot; jiddeplora, f'dan il-kuntest, in-nuqqas ta' segwitu sistematiku fil-komunikazzjonijiet mal-Kumitat għall-Petizzjonijiet; iqis li ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament u l-Kummissjoni dwar it-trattament tal-petizzjonijiet jista' jkun it-triq' il quddiem sabiex jiġi żgurat it-trattament trasparenti u effiċjenti tal-petizzjonijiet;
10. Ifakkar li l-bażi tad-data e-Peti hija għodda interna importanti li tippermetti lill-membri tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet jaċċessaw l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex isegwu s-sitwazzjoni attwali ta' kull petizzjoni individwali u jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati fir-rigward tat-tkomplija tat-trattament jew l-għeluq possibbli tal-petizzjonijiet; għal dan l-għan, il-bażi tad-data e-Peti għandha tiġi aġġornata regolarment u, jekk ikun possibbli, tintrabat mal-lista ta' ksur tal-Kummissjoni;
11. Jissottolinja li għandha tingħata aktar attenzjoni lill-adozzjoni ta' att leġiżlattiv Ewropew li jistabbilixxi r-rikonossiment tad-drittijiet tal-LGBTIQ+;
12. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta aktar fil-ħin jekk l-awtoritajiet nazzjonali humiex qed jieħdu l-miżuri meħtieġa, jekk għadhom m'għamlux dan, biex jirrispondu b'mod effettiv għat-tħassib taċ-ċittadini kif espress fil-petizzjonijiet tagħhom fejn iseħħu każijiet ta' nuqqas ta' konformità mad-dritt tal-UE, li huwa ta' detriment għall-protezzjoni sħiħa tad-drittijiet taċ-ċittadini u r-residenti fl-UE, u tniedi proċeduri ta' ksur fejn meħtieġ; jemmaen bis-sħiħ li azzjoni rapida mill-Kummissjoni kontra l-ksur tad-dritt tal-UE hija kruċjali biex jiġi evitat li dan il-ksur isir ta' natura sistemika;

13. Jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb is-sistema tagħha għall-ġbir ta' informazzjoni dwar il-petizzjonijiet u tinkludi fir-rapport annwali tagħha dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-dritt tal-UE referenza diretta għall-petizzjonijiet, b'enfasi ċara, fost l-oħrajn, fuq ir-rabta bejn il-petizzjonijiet, il-proċeduri ta' ksur, l-atti leġislattivi tal-UE jew kwalunkwe att legali ieħor tal-UE;
14. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li tiġi evitata kwalunkwe inkonsistenza jew nuqqas ta' omoġeneità fit-trattament tal-petizzjonijiet sabiex tiġi garantita l-implimentazzjoni korretta tad-dritt ta' petizzjoni;
15. Jissottolinja li l-petizzjonijiet jistgħu jitqiesu wkoll bħala għodda strateġika biex jiġu skattati inizjattivi leġislattivi tal-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 225 tat-TFUE, u b'hekk jgħinu biex jiġi indirizzat kwalunkwe nuqqas fid-dritt attwali tal-UE li jkun ta' detriment għad-drittijiet taċ-ċittadini;
16. Ifakkar li l-kooperazzjoni mal-kumitati l-oħra fil-Parlament hija essenzjali biex il-petizzjonijiet jiġu ttrattati b'mod preċiż u komprensiv; jinnota li fl-2021 il-kumitati l-oħra ntbagħtulhom 82 petizzjoni għal opinjoni u 534 għal skopijiet ta' informazzjoni; jilqa' l-fatt li waslu 46 opinjoni u 176 konferma li l-petizzjonijiet ittieħdu inkunsiderazzjoni fil-ħidma tagħhom minn kumitati oħra; jinnota li s-seduti ta' smiġħ pubbliċi organizzati b'mod konġunt ma' kumitati parlamentari oħra jiffaċilitaw eżami bir-reqqa tal-petizzjonijiet; ifakkar li l-petizzjonanti jiġu infurmati meta tittieħed deċiżjoni li tintalab l-opinjoni ta' kumitati oħrajn biex jiġu ttrattati l-petizzjonijiet tagħhom; jistieden lill-kumitati parlamentari jżidu l-isforzi tagħhom biex jikkontribwixxu b'mod attiv għall-eżaminazzjoni tal-petizzjonijiet – billi jagħtu prova tal-għarfien espert tagħhom – u b'hekk jippermettu lill-Parlament iwieġeb aktar malajr u b'mod aktar komprensiv għat-tħassib taċ-ċittadini;
17. Jemmen li n-network tal-petizzjonijiet huwa għodda utli biex jiġi ffaċilitat is-segwitu għall-petizzjonijiet fil-ħidma parlamentari u leġislattiva; jemmen ukoll li dan in-network għandu jsaħħaħ id-djalogu u l-kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni; jinsab fiduċjuż li laqgħat regolari tan-network tal-petizzjonijiet huma kruċjali għall-iżgurar ta' aktar viżibbiltà għall-attivitajiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet u għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-kumitati parlamentari l-oħrajn permezz tal-iskambju tal-informazzjoni u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiċi fost il-membri tan-network;
18. Jissottolinja li matul iż-żieda ta' perjodi ta' żmien għal-laqgħat tal-kumitat fl-2021, b'adattament għas-sitwazzjoni kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet esprima l-pożizzjoni tiegħu dwar kwistjonijiet importanti mqajma fil-petizzjonijiet billi adotta, fost oħrajn, ir-rapport tiegħu tad-9 ta' Novembru 2021 dwar id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet matul l-2020¹, iż-żewġ rapporti tiegħu tas-26 ta' Jannar 2021 dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fl-2019² u

¹ Adottata bħala rizzoluzzjoni mill-Parlament fis-16 ta' Diċembru 2021 (ĠU C 251, 30.6.2022, p. 96).

² Adottata mill-Parlament fil-11 ta' Marzu 2021 bħala rizzoluzzjoni dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew – Rapport Annwali 2019 (ĠU C 474, 24.11.2021, p. 82).

tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fl-2020 ¹, ir-rapport tiegħu tas-27 ta' Jannar 2021 dwar l-involviment maċ-ċittadini: id-dritt ta' petizzjoni, id-dritt ta' referenza għall-Ombudsman Ewropew u l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej², u l-opinjoni tiegħu tat-27 ta' Mejju 2021 dwar ir-Rapport tal-2020 tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt ³; japprezza l-ħidma tajba ħafna tas-segretarjat tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fi żmien meta l-kundizzjonijiet tax-xogħol baqgħu kumplessi;

19. Jiġbed l-attenzjoni għall-għadd kbir ta' petizzjonijiet dwar il-COVID-19 li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet eżamina u wieġeb fl-2021; jišhaq li l-biċċa l-kbira ta' dawn il-petizzjonijiet appellaw għall-protezzjoni tas-saħħa taċ-ċittadini kontra l-konsegwenzi tal-virus, inklużi kwistjonijiet dwar il-politika tat-tilqim u d-diskriminazzjoni allegata bejn persuni mlaqqma u dawk mhux imlaqqma, kif ukoll għall-valutazzjoni tal-ġestjoni tal-kriżi tas-saħħa fl-Istati Membri;
20. Jiddispijaċi ħafna dwar in-nuqqas tal-Kummissjoni li tiżvela d-dettalji kollha tal-kuntratti ffirmati mal-kumpaniji farmaċewtiċi dwar il-vaċċini kontra l-COVID-19 bi ksur tad-dritt taċ-ċittadini għall-informazzjoni; jinsab imħasseb serjament dwar l-amministrazzjoni ħażina mill-Kummissjoni relatata mar-rifjut tagħha li tagħti aċċess pubbliku għal dokumenti li jikkonċernaw 1,5 miljun maskra medika li l-Kummissjoni xtrat fi stadju bikri fil-pandemija tal-COVID-19 u li ma ssodisfawx l-istandards ta' kwalità meħtieġa⁴;
21. Jinnota li, flimkien mad-drittijiet fundamentali u l-ambjent, is-saħħa kienet wieħed mill-oqsma prinċipali li qajjem tħassib għall-petizzjonanti fl-2021, filwaqt li jirrikonoxxi li t-tħassib relatat mas-saħħa fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 kien fiċ-ċentru tal-ħidma tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet; jenfazizza l-attenzjoni mogħtija mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet lill-konsegwenzi tal-COVID-19 f'termini tal-politika tas-suq intern (partikolarment kwistjonijiet relatati mar-restrizzjonijiet nazzjonali fuq l-ivvjaġġar u l-impatt tagħhom fuq il-libertà tal-moviment tal-persuni ġewwa u barra l-UE); jiġbed l-attenzjoni, f'dan ir-rigward, għas-seduta ta' smiġħ pubbliku li saret mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet flimkien mal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu fl-14 ta' Lulju 2021 bit-titolu "Kif nistgħu ntejbu d-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru matul il-kriżi tal-COVID-19? Ir-Regolament (KE) Nru 261/2004"⁵, sabiex jiġi vvalutat kemm effettivament ġie applikat ir-Regolament dwar il-Kumpens għat-Titjiriet matul il-pandemija tal-COVID-19 u jekk il-qafas legali tal-UE dwar id-drittijiet tal-passiġġieri kienx adegwat biex tiġi indirizzata tali kriżi;

¹ Adottata mill-Parlament fis-16 ta' Frar 2022 bħala riżoluzzjoni fuq ir-rapport annwali rigward l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fis-sena 2020 (ĠU C 342, 6.9.2022, p. 58).

² Adottata bħala riżoluzzjoni mill-Parlament fid-9 ta' Marzu 2022 (ĠU C 347, 9.9.2022, p. 110).

³ Opinjoni PE689.805 fil-proċedura 2021/2025(INI), adottata bħala riżoluzzjoni mill-Parlament fl-24 ta' Ġunju 2021 (ĠU C 81, 18.2.2022, p. 27).

⁴ L-Ombudsman Ewropew, Każ 790/2021/MIG.

⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitiqgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet (ĠU L 46, 17.2.2004, p. 1).

22. Jiġbed l-attenzjoni għall-għadd kbir ta' petizzjonijiet li jallegaw ksur tal-Karta; jirrimarka r-risultat limitat tal-petizzjonijiet imsemmija hawn fuq minħabba l-limitazzjoni effettiva tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta, kif deskritt fl-Artikolu 51 tagħha; ifakkar li l-aspettattivi tal-biċċa l-kbira tal-petizzjonanti fir-rigward tad-drittijiet mogħtija lilhom mill-Karta huma għoljin u jmorru ferm lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni attwali tagħhom; itenni t-talba tiegħu biex jiġi kkunsidrat it-twessigħ tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 51 lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li jiġi jitħassar għalkollox, kif iddikjarat f'riżoluzzjonijiet preċedenti¹;
23. Jiġbed l-attenzjoni għall-għadd sinifikanti ta' petizzjonijiet diskussi dwar aspetti varji tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-familji qawsalla fl-UE, b'mod partikolari l-pożizzjonijiet differenti dwar il-moviment liberu u d-drittijiet ta' rikonoxximent reċiproku tal-familji tal-LGBTIQ+ fl-UE; ifakkar fil-workshop tat-22 ta' Marzu 2021 dwar id-drittijiet tal-LGBTI+ fl-UE, li żamm il-Kumitat għall-Petizzjonijiet biex jiddiskuti s-sitwazzjoni tal-persuni LGBTIQ+, biex jeżamina l-istrateġija l-għdida dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ ippreżentata mill-Kummissjoni, u biex tiġi indirizzata l-problema rrappreżentata mill-ostakoli għall-moviment liberu tal-familji qawsalla; jiġbed l-attenzjoni għar-rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-15 ta' Lulju 2021 dwar id-drittijiet tal-persuni LGBTIQ fl-UE², fejn jistieden lill-Kummissjoni tiegħu miżuri konkreti biex tiżgura l-protezzjoni għall-familji tal-LGBTIQ+ f'konformità mas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-każijiet ta' Coman u Hamilton, Maruko, Römer u Hay³, u s-sentenza Taddeucci u McCall⁴ tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;
24. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-petizzjonijiet relatati mad-drittijiet tal-minoranzi nazzjonali baqgħu fuq l-aġenda tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, speċjalment fl-oqsma tal-prattiki diskriminatorji li jikkonċernaw id-dritt tagħhom għall-edukazzjoni bil-lingwa materna tagħhom, id-drittijiet lingwistiċi jew kulturali, u drittijiet oħra bħad-dritt għall-proprjetà, kif spjegat f'petizzjonijiet dwar każijiet ta' konfiska u restituzzjoni ta' art f'xi Stati Membri;
25. Jinnota li fl-2021 il-kwistjonijiet ambjentali baqgħu qasam ta' tħassib serju għall-petizzjonanti; jesprimi dispjaċir għall-fatt li r-regoli ambjentali mhux dejjem jiġu implimentati b'mod korrett fl-Istati Membri, kif deskritt f'bosta petizzjonijiet li jressqu lmenti dwar it-tniġġis tal-arja, l-istat ta' konservazzjoni tal-karnivori kbar u l-impatt tagħhom fuq l-attivitajiet tal-bniedem, il-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam, l-attakki fuq attivisti ambjentali, ir-rimi illeċitu ta' skart tal-plastik, id-deterjorament tal-ekosistemi naturali, is-sikurezza nukleari u l-alterazzjoni tal-bijodiversità, u kkonfermati wkoll mill-proċeduri tal-EU Pilot u l-proċeduri ta' ksur immedja mill-Kummissjoni; jiġbed l-attenzjoni għall-ħidma importanti mwettqa mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet biex jenfasizza l-impatt tal-attivitajiet minerarji fuq l-ambjent, kif jidher mill-għadd ta' petizzjonijiet li waslu dwar dan is-suġġett; jiġbed l-attenzjoni għas-seduta ta' smiġh

¹ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Frar 2014 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea (2012) (ĠU C 285, 29.8.2017, p. 112).

² Adottata bħala rrizoluzzjoni mill-Parlament fl-14 ta' Settembru 2021 (ĠU C 117, 11.3.2022, p. 2).

³ Is-Sentenza tal-5 ta' Ġunju 2018, *Coman*, C-673/16, ECLI:EU:C:2018:385; Is-Sentenza tal-1 ta' April 2008, *Maruko*, C-267/06, ECLI:EU:C:2008:179; Is-Sentenza tal-10 ta' Mejju 2011, *Römer*, C-147/08, ECLI:EU:C:2011:286; Is-Sentenza tas-7 ta' Frar 2014, *Hay*, C-267/12, ECLI:EU:C:2013:823.

⁴ *Taddeucci u McCall vs l-Italja*, Nru 51361/09.

pubbliku tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar l-impatti ambjentali u soċjali tal-attività minerarja fl-UE, li saret mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet f'assoċjazzjoni mal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, sabiex jinkiseb għarfien xjentifiku dwar diversi aspetti, fosthom il-leġislazzjoni dwar il-minjieri, l-istandards tas-sikurezza, l-impatti soċjali u ambjentali tal-minjieri, iċ-ċittadinanza ambjentali, il-parteċipazzjoni pubblika u t-trasparenza fis-settur tal-minjieri; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tinvestiga bħala kwistjoni ta' prijorità l-każijiet ta' traspożizzjoni u implimentazzjoni inkorretti tal-leġislazzjoni ambjentali tal-UE sabiex tindirizza b'mod effiċjenti t-tħassib tal-petizzjonanti; jissuġġerixxi li l-Istati Membri jagħtu prijorità lill-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' prekawżjoni u tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara" meta jikkunsidraw l-awtorizzazzjoni ta' proġetti li jkollhom impatt fuq l-ambjent;

26. Jisħaq li l-prattiki illeċiti ddenunzjati fil-petizzjonijiet bħar-rimi tal-iskart f'miżbliet illegali, il-qtuġh illegali tas-siġar għall-injam u l-kummerċ illegali tal-injam, il-qerda tal-ekosistemi, jew il-qtil u t-traffikar illeċitu ta' speċijiet protetti skont id-Direttiva tal-UE dwar il-Habitats jikkostitwixxu ksur serju tad-dritt tal-UE u jikkostitwixxu reati ambjentali; jenfasizza, f'dan il-kuntest, li l-Kummissjoni għandha ssaħħaħ l-għodod għall-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali fil-livell tal-UE biex tinvestiga u tipproċessa b'mod effiċjenti tali reati u tressaq lit-trasgressuri quddiem il-ġustizzja;
27. Jiġbed l-attenzjoni għas-seduta ta' smiġh konġunta tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel tal-25 ta' Frar 2021 dwar il-ġestjoni tal-plastik u l-iskart fl-ekonomija ċirkolari, li ffukat fuq l-implimentazzjoni tal-qafas leġislativ attwali dwar l-iskart tal-plastik, li jindirizza l-isfidi ewlenin li jiltaqgħu magħhom l-Istati Membri kif ukoll jenfasizza l-opportunitajiet li l-qafas legali jipprovdi bil-ħsieb li jitnaqqas l-impatt tal-plastik fl-ambjent madwar l-Ewropa;
28. Jisħaq fuq l-importanza li jintlaħqu l-aspettattivi taċ-ċittadini tal-UE rigward il-protezzjoni tal-ambjent, u b'mod partikolari li tittieħed azzjoni fil-qasam tal-politika tal-ilma biex jitnaqqsu t-tniġġis u r-residwi perikolużi ta' sustanzi kimiċi; jiġbed l-attenzjoni, f'dan ir-rigward, għar-riżoluzzjoni tat-23 ta' Marzu 2021 dwar ir-residwi kimiċi fil-Baħar Baltiku, abbażi tal-Petizzjonijiet Nru 1328/2019 u 0406/2020¹; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-kwistjoni tal-munizzjon mormi fl-ibħra Ewropej tiġi inkluża fil-programmi orizzontali sabiex tippermetti s-sottomissjoni ta' proġetti li jkopru reġjuni affettwati mill-istess problema u tiffaċilita l-iskambju tal-esperjenzi u tal-aħjar Prattiki;
29. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, jiżguraw l-implimentazzjoni korretta tal-leġislazzjoni tal-UE fil-qasam ambjentali;
30. Jiġbed l-attenzjoni għas-smiġh konġunt tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali tas-16 ta' Ġunju 2021 dwar it-trattament ġust u ugwali tal-bdiewa madwar l-Unjoni Ewropea, li ffoka fuq ir-riforma tal-politika agrikola komuni, ir-regoli l-ġodda tal-UE għall-pagamenti diretti u l-iżvilupp rurali wara l-2022;
31. Ifakkar li l-Unjoni jeħtiġilha tiggarrantixxi liċ-ċittadini d-dritt li jipparteċipaw b'mod

¹ Adottata bħala riżoluzzjoni mill-Parlament fis-27 ta' April 2021. ĠU C 506, 15.12.2021, p. 9.

attiv fl-attivitajiet demokratiċi tal-Unjoni Ewropea fi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni sabiex tiġi evitata kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni u jiġi promoss il-multilingwiżmu; ihegġegħ f'dan is-sens lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jagħmlu użu mill-akbar numru possibbli ta' lingwi uffiċjali u biex jimplimentaw il-politiki tal-multilingwiżmu tagħhom b'mod koerenti;

32. Jissottolinja l-ħidma tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet b'rabta ma' petizzjonijiet relatati ma' allegati kundizzjonijiet ħżiena ta' sikurezza fil-faċilitajiet ta' parkeġġ għat-trakkijiet u l-vetturi kummerċjali fuq in-network tat-toroq Ewropew, fir-rigward ta' attacchi fuq trasportaturi f'żoni ta' parkeġġ tat-trakkijiet; jiġbed l-attenzjoni, f'dan ir-rigward, għall-mozzjoni għal riżoluzzjoni adottata mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet fis-6 ta' Ottubru 2021 dwar is-sikurezza tal-parkeġġi għat-trakkijiet fl-UE¹; Ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu u jiżviluppaw kooperazzjoni tal-pulizija li tinvolvi lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha biex jipprevjenu, jikxfu u jinvestigaw reati kriminali fit-toroq u fiż-żoni tal-parkeġġ; ihegġegħ lill-Kummissjoni tagħti segwitu lil din ir-riżoluzzjoni b'azzjonijiet konkreti u ssaħħaħ il-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet ta' sikurezza fiż-żoni ta' parkeġġ tat-trakkijiet;
33. Jisħaq fuq il-kontribut importanti mogħti mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, kif muri mit-trattament tiegħu ta' għadd ta' petizzjonijiet dwar dan is-suġġett sensitiv; jiġbed l-attenzjoni, f'dan ir-rigward, għar-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-7 ta' Ottubru 2021 dwar il-protezzjoni tal-persuni b'diżabilità permezz tal-petizzjonijiet: tagħlimiet meħuda², li ġiet adottata mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet fl-14 ta' Lulju 2021; ifakkar fil-workshop tad-9 ta' Novembru 2021 bit-titolu "Id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità – L-implimentazzjoni tal-Osservazzjonijiet Konklużivi tal-Kumitat tas-CRPD tal-2015 mill-UE u l-Istrateġija tad-Diżabilità 2021-2030", li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet kellu biex jiffoka fuq l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni u dwar kif dan ġie indirizzat u solvut b'mod partikolari permezz ta' strateġiji tad-diżabilità;
34. Jilqa' r-rwol ta' protezzjoni speċifiku li jiżvolġi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet fi ħdan l-UE fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità; jiġbed l-attenzjoni għall-ħidma kontinwa importanti tal-kumitat b'rabta ma' petizzjonijiet li jikkonċernaw kwistjonijiet relatati mad-diżabilità; jinnota li l-għadd ta' petizzjonijiet dwar id-diżabilità naqas fl-2021 meta mqabbel mas-sena preċedenti; jisħaq li l-aċċessibbiltà u l-mobbiltà fl-ispazji pubbliċi, id-diskriminazzjoni, l-inklużjoni u l-aċċess għall-edukazzjoni u l-impjieġ għadhom fost l-isfidi prinċipali li jħabbtu wiċċhom magħhom il-persuni b'diżabilità;
35. Ifakkar li r-relazzjonijiet mal-Ombudsman Ewropew huma fost ir-responsabbiltajiet li r-

¹ Adottata bħala riżoluzzjoni mill-Parlament fil-25 ta' Novembru 2021. ĠU C 224, 8.6.2022, p. 95.

² Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ottubru 2021 dwar il-protezzjoni tal-persuni b'diżabilità permezz tal-petizzjonijiet: tagħlimiet meħuda (petizzjonijiet Nru 2582/2013, 2551/2014, 0074/2015, 0098/2015, 1140/2015, 1305/2015, 1394/2015, 0172/2016, 0857/2016, 1056/2016, 1147/2016, 0535/2017, 1077/2017, 0356/2018, 0367/2018, 0371/2018, 0530/2018, 0724/2018, 0808/2018, 0959/2018, 0756/2019, 0758/2019, 0954/2019, 1124/2019, 1170/2019, 1262/2019, 0294/2020, 0470/2020, 0527/2020, 0608/2020, 0768/2020, 0988/2020, 1052/2020, 1139/2020, 1205/2020, 1299/2020 u 0103/2021 u oħrajn). ĠU C 132, 24.3.2022, p. 129.

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament jagħtu lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet; jilqa' l-kooperazzjoni kostruttiva tal-Parlament mal-Ombudsman Ewropew, kif ukoll l-involvement tiegħu fin-Network Ewropew tal-Ombudsmen; jirrikonoxxi l-kontributi regolari tal-Ombudsman Ewropew għall-ħidma tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet matul is-sena; jemmen bis-sħiħ li l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni jeħtiġilhom jiżguraw li jingħata segwitu konsistenti u effikaċi għar-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman; jappoġġja bil-qawwa l-ħidma tal-Ombudsman dwar iż-żamma tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-UE, li inkludiet 214-il inkjesta fl-2021; itenni t-talbiet tiegħu lill-Kummissjoni biex tressaq proposta għal reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, kif adottat f'riżoluzzjonijiet preċedenti; jišhaq li kwalunkwe reviżjoni bħal din trid issaħħaħ it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont billi tippromwovi Prattika amministrattiva tajba¹;

36. Jišhaq li l-ICE hija strument importanti għaċ-ċittadinanza attiva u għall-parteċipazzjoni pubblika; jilqa' d-diskussjoni f'diversi laqgħat bħala petizzjonijiet ta' xi ICE li ma rnexxewx, li taw liċ-ċittadini l-opportunità li jesponu l-ideat tagħhom u jagħmlu dibattitu kostruttiv, kif ukoll iffaċilitaw il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini tal-UE fil-proċess demokratiku tal-Unjoni; jinnota l-għadd sinifikanti ta' ICE ġodda rreġistrati mill-Kummissjoni fl-2021, li juri li ċ-ċittadini qed jaħtfu l-opportunità li jużaw strumenti parteċipattivi biex isemmgħu leħinhom fil-proċessi ta' tfassil ta' politika u tal-liġijiet; jistieden lill-Kummissjoni tinvolvi ruħha aħjar maċ-ċittadini u tagħti segwitu adegwat lill-ICE ta' suċċess, inkluż permezz ta' proposti leġiżlattivi;
37. Jissottolinja li għandhom jiġu garantiti sforzi ta' komunikazzjoni addizzjonali biex tiżdied il-viżibbiltà tal-attivitajiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fl-Istati Membri kollha tal-UE, speċjalment il-viżibbiltà tal-missjonijiet uffiċjali tiegħu;
38. Jissottolinja li l-Portal Web għall-Petizzjonijiet huwa għodda essenzjali biex jiġi żgurat proċess tal-petizzjonijiet mingħajr intoppi, effiċjenti u trasparenti; jilqa', f'dan ir-rigward, it-titjib fir-rigward tal-protezzjoni tad-data u l-elementi ta' sigurtà li għamlu l-portal aktar faċli biex jintuża u sigur għaċ-ċittadini; jišhaq fuq il-ħtieġa li jridu jitkomplew l-isforzi biex il-portal isir aktar aċċessibbli u magħruf għaċ-ċittadini, inkluż għall-persuni b'diżabilità; iqis li l-Portal Web għall-Petizzjonijiet irid jipprovdi deskrizzjonijiet qosra b'lingwaġġ ċar u sempliċi tal-istrumenti parteċipattivi kollha tal-UE, u b'hekk jgħin lill-utenti jidentifikaw l-aktar mezz xieraq u jnaqqas l-għadd ta' petizzjonijiet inammissibbli; jappoġġja l-ħolqien ta' portal diġitali uniku li permezz tiegħu ċ-ċittadini jkunu jistgħu jiksibu aċċess għall-proċeduri kollha marbuta mal-petizzjonijiet u jsibu informazzjoni dwarhom;
39. Jinnota li filwaqt li hemm żieda ċara fl-għadd ta' persuni li jappoġġjaw petizzjoni waħda jew aktar, ħafna petizzjonanti esprimew tħassib dwar il-kumplessità tal-proċeduri li għandhom jitlestew fuq il-Portal Web għall-Petizzjonijiet tal-Parlament sabiex juru appoġġ ċar għal petizzjoni;
40. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni u r-rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Ombudsman Ewropew, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, u lill-kumitati għall-petizzjonijiet tal-

¹ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2021 dwar id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fl-2020 ĠU C 251, 30.6.2022, p. 96.

Istati Membri, lill-ombudsmen nazzjonali jew lill-entitajiet simili kompetenti.